**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 119/2012 AL

**A B**
**(K.I. Nru 364766 M)**

**-vs-**

**C B**
**(K.I. Nru 301267 M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attrici, li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi il-partijiet zzewgu nhar l-20 ta' Ottubru, 1990 fil-Knisja Parrokjali San Pietru fil-Ktajjen ta' Birzebbugia u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';
2. Illi il-partijiet ghandhom tlett itfal u cioe' K (data tat-twelid : 16 ta' Marzu 1993), H (data tat-twelid : 10 ta' April 1994) u M (data tat-twelid : 5 ta' Lulju 1997) u dan skont ma jidher mic-Certifikati tat-Twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'B', Dok. 'C' u Dok. 'D' rispettivament. Ghaldaqstant M ghadu minorenni filwaqt li t-tfal l-ohra huma maggorenni;
3. Illi il-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabilment peress illi l-konvenut intimat rrenda ruhu hati lejn martu r-rikorrenti esponenti ta' adulterju, eccessi, mohqrija, sevizzi, theddid u ragunijiet ohra serji, kif ukoll minhabba inkompattibilita' ta' karattru;
4. Illi l-hajja konjugali tant iddeterjorat illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali harget Ordni ta' Protezzjoni favur ir-rikorrenti, nhar it-23 ta' Jannar, 2012 (ara dokument anness u mmarkat bhala Dok. 'E');
5. Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* mis-sena 2005;

6. Illi r-rikorrenti esponenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega minn din il-Qorti sabiex tipprocedi f'din l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dan permezz ta' digriet ta' din il-Qorti li jgib in-numru 1428/11 ai termini tar-Regolament 4 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 tal-Ligijiet ta' Malta (hawn anness u mmarkat bhala Dok 'F') u dan wara li nghalqet il-medjazzjoni relattiva fit-22 ta' Marzu, 2012;
7. Illi l-esponenti taf personalment b'dawn il-fatti kollha;

Talbet sabiex il-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjugi B, peress illi l-konvenut intimat rrenda ruhu hati lejn martu r-rikorrenti esponenti ta' adulterju, eccessi, mohqrija, sevizzi u theddid u ragunijiet ohra serji, kif ukoll minhabba inkompattibilita' ta' karattru;
2. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn l-partijiet u tillikwida bl-istess mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u dan kollu okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-konvenut intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
3. Takkorda lill-attrici l-kura u l-kustodja tal-wild minuri M B bi dritt ta' access favur il-konvenut fil-granet u hinijiet li jigu hekk stabbiliti minn din il-Qorti;
4. Tiffissa l-ammont li ghandu jkun dovut mill-konvenut lill-attrici f'alimenti ghaliha u ghall-minuri wild il-kontendenti M B u tordna lill-istess konvenut jissoministra lill-attrici dik ir-retta alimentari hekk stabbilita minn dina il-Qorti u dan taht dawk il-modalitajiet specifikati minn din l-istess Qorti;
5. Tawtorizza lill-attrici sabiex flimkien mat-tifel il-minuri tibqa tabita eskluzivament fid-dar matrimonjali 52, St Philip Street, Birzebbugia ad eskluzzjoni tal-istess konvenut u tordna lill-konvenut sabiex jivvaka mill-istess fond matrimonjali;
6. Tawtorizza lir-rikorrenti esponenti li tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut intimat li jinsab minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa : fol 44

1. Illi preliminarjament l-intimat ma jaqbilx mat-talba tas-separazzjoni personali u dan ghaliex huwa jixtieq li l-partijiet jirrikonciljaw u l-partijiet jirrangaw id-divergenzi ta' bejniethom anki permezz ta' *family therapy* u *councelling;*
2. Illi ma huwiex minnu li l-partijiet huma separati *de facto* anzi bhala fatt il-partijiet jghixu flimkien mat-tlett itfal taghhom u t-tifel ta' wahda mit-tfal li hija maggorenni gewwa d-dar matrimonjali;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-esponent ma jaqbilx li huwa kagun tas-separazzjoni personali li qed tigi mitluba mill-attrici permezz ta' dawn il-proceduri u jirribatti li l-allegazzjonijiet maghmula mill-attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u li z-zwieg se mai il-problemi

li hemm fiz-zwieg huma fl-umli opinjoni tal-esponent minhabba misunderstandings bejn il-partijiet;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-esponent jaqbel li tigi likwidata l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kemm il-darba dina il-Qorti tilqa' t-talba ghas-separazzjoni tal-attrici;
5. Illi f'dak li jirrigwarda r-raba' talba l-esponent jopponi li l-kura u kustodja tal-minuri M tigi fdata f'idejn l-attrici u jirrispondi li l-kura u kustodja tal-minuri M ghandha tigi fdata f'idejn iz-zewgt partijiet konguntivament bi dritt ta' access liberu u ampju ghaz-zewgt kontendenti;
6. Illi l-esponenti jaqbel li ghandu jhallas manteniment ghal minuri M tenut kont tal-mezzi tieghu u l-bzonnijiet tal-minuri pero' qed jopponi li jhallas manteniment ghal mara personalment u dan stante li hija tahdem u ilha tahdem ghal aktar minn ghaxar (10) snin u f'kull kaz hija l-kagun tal-ksur taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti;
7. Illi l-esponent qed jopponi li jigi eskluz mid-dar matrimonjali 52, St Philip Street, Birzebbuga li hija propjeta' parafernali tal-esponent derivanti minn wirt miz-zija tar-ragel. Illi inoltre ma jezistux l-estremi fil-ligi sabiex din it-talba tigi milqugha;
8. Illi b'referenza ghat-tmien talba l-esponenti jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' dina il-Qorti;
9. Illi salv kull eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet. Jiġi nnotat li m'hemm ebda kontro-talba da parti tal-intimat. Issir referenza għar-rikors promotur li permezz tagħha l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba ħtijiet imputabbli lilu fosthom adulterju, eċċessi, moħqrija, sevizzi u theddid u wkoll minħabba inkompatibilita` ta' karattru;
2. Għal dak li jirrigwarda l-minuri M B, tikkontendi li għandha tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tiegħu b'aċċess xieraq għall-intimat;

3. Rigward manteniment titlob retta xierqa għaliha u għal binha minuri;
4. Titlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qasma tagħha;
5. Titlob li fid-dar taż-żwieġ jgħixu biss hi u binha minuri;

## 1. Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ

Permezz tal-affidavit tagħha[1], ir-**rikorrenti** tirrakkonta kif il-problemi bdew mill-bidu taż-żwieġ u tirrakkonta kif wara xi erba' xhur żwieġ, fuq argument żgħir li kellhom il-partijiet, l-intimat kien kisser tliet saqajn ta' mejda wara li kien qelibha. Żmien twil ilu, meta kienet tqila bit-tifla li llum għandha dsatax-il sena, kienet diġa talbet parir ta' avukat għaliex C kien imbuttaha għal fuq siġġu u kienet marret ħamest'ijiem għand ommha. Meta marret lura d-dar, minkejja li ma reġax refa' jdejh fuqha, kien jibda jkisser l-affarijiet meta jinqalgħu argumenti bejniethom anke fuq affarijiet żgħar. Minkejja li kien jispiċċa x-xogħol kmieni, ma kienx irid jagħmel xejn għajr jara t-televixin. Jekk it-tfal jistaqsuh xi ħaġa fil-homework, jinfexx jgħajjat u jidgħi jew jgħajjarhom injoranti minflok jgħinhom.

Tixhed illi finanzjarjament l-intimat kien iħalliha nieqsa. Huwa kien jaħdem bħala plasterer mal-Gvern u ġeneralment sal-11.00am kien ikun id-dar. Għalhekk hija kienet tissuġġerilu biex jagħmel *part-time* sabiex b'dak li jaqla' jagħmlu manutenzjoni u tisbiħ fid-dar. Il-flus li kien jaqla' minn xi biċċa xogħol żejda li kien jagħmel, kien jużahom għall-interessi tiegħu u mhux jgħaddihomlha. Kienet tħossha diffiċli biex tlaħħaq mal-ħajja ta' kuljum u kien hemm anzjan ġar tagħha li b'apprezzament talli kienet issajjarlu kuljum, kien jixtrilha ċertu bżonnijiet bħal ħobż, ħalib, kafe, te, ċikkulati, sponges.

Il-problemi l-kbar fiż-żwieġ inqalgħu fl-2007 meta beda jagħmel *part-time* bil-lejl bħala *watchman* ma' cafeteria u fi żmien ieħor bħala *bouncer*. Minħabba dan il-*part-time* huwa beda jorqod għand ommu li tgħix triq 'il bogħod mid-dar matrimonjali, bl-iskuża li hemmhekk jista' jistrieħ fil-kwiet. Fl-istess żmien ma baqax jersaq lejha u b'hekk ir-relazzjonijiet intimi bejniethom spiċċaw. Saret taf li kien qed idum sas-7.00am biex jidħol lura għand ommu u meta kkonfrontatu qalilha li minbarra x-xogħol ta' *bouncer* kien qed jagħmilha ta' speċi *taxi driver* u jwassal lin-nies biex jaqla' xi ħaġa oħra tal-flus. Id-dar kien jersaq biss meta jfettillu, biex jiekol.

Bejn Jannar u Lulju 2009, huwa telaq mid-dar bi ħwejġu b'kollox u mar għand ommu bi skuża li kellu bżonn jirrilassa għaliex kien qed iħossu dipressat. Hemmhekk ir-rikorrenti ddeċidiet li tibda proċeduri tal-medjazzjoni (mhux dawn odjerni). L-intimat mar jgħix lura d-dar. Baqa' jgħaddilha €600 kull erba' ġimgħat għall-ħtiġijiet tal-familja iżda dawn ma

[1] Ara fol. 303 tal-proċess

kienux biżżejjed biex tlaħħaq mal-ħajja. Għamel ftit taż-żmien jgħix fil-kwiet u ma jaqlax inkwiet bejniethom, iżda mbagħad iddeċieda li jwaqqaf il-pinnoli li kien jieħu u *"bħal donnu rribella"*.

Qalilha li kien bi ħsiebu jibda jmur ma' dik u ma' l-oħra, iżda jekk hi jfettilha tagħmel l-istess, kien jitfagħha 'l barra mid-dar. Beda jagħmel l-oppost ta' dak li tixtieq hi, iħalli ħwejġu fuq is-sufan u fuq is-sodod meta jaf li hi tħobb kollox pulit. Meta talbitu jwaqqaf lil binthom milli toħroġ ma' erba' subien u tfajla oħra ġo karozza waħda, qalilha *"Erħilha ħa tgawdi"*. Kien hemm argument ieħor bejnu u t-tfal u beda jkisser xi *frames* u għalhekk kienet ġabet il-Pulizija. Kienu ttieħdu proċeduri fil-konfront tiegħu u nħarġet ordni ta' protezzjoni, pero` baqa' jgħix fl-istess dar. Dak inhar qalilha *"Issa nħallsek ta' din"*.

Wara li kienet ingħatat l-ordni ta' protezzjoni, kien għamel xi erba' xhur kwiet sakemm imbagħad rega' beda bit-theddid li joqtolha, jaħraq id-dar, jispara għal rasu u kien qalilha *"dak li kien qalli kien għad irid jagħmlu"* b'referenza għal li kien qalilha li ser joqtolha wara li kienet inqatlet persuna (Diane Gerada) li kienet toqgħod warajhom, minn żewġha. Dwar dawn il-kliem reġa ġie ordnat ordni ta' protezzjoni ieħor fil-konfront tiegħu.

Sussegwentement sabitlu qmis bil-make-up moħbija fil-gwardarobba, u ritratt fuq facebook, ma' *bouncer* ieħor u żewġ nisa, bir-rimarka "thanks for the good time".

Ħu l-attriċi, **Anthony Schembri**, xehed[2] illi darba l-intimat qallu biex imur jgħinu jsewwi mejda li kien kisser. Lill-intimat dejjem kien jarah nervuż. Jiftakar li lil oħtu A kien jimbuttaha.

Oħt l-attriċi, **Catherine Baxter**[3], xehdet, illi darba marret għand oħtha fis-sajf 2012 u rat lil C nieżel it-taraġ u dan ordnalha titlaq 'il barra. Qalilha li hemm ġew ma jrid lil ħadd mill-familja tal-mara. It-tifel M, kien rieqed u qam imwerwer. Oħtha A kienet tiftaħ qalbha magħha u qaltilha li ma tistax tniżżilha meta fis-sodda jgħidilha li jimmaġina lil ħaddieħor minflokha.

Omm ir-rikorrenti, **Francesca Saveria Schembri**, xehdet[4] illi meta bintha kellha sitt xhur tqala, kienet marret iżżurha u l-intimat kien imbottaha meta nqala' argument bejniethom. Darb'oħra f'xi 10.30pm, ċemplitilha bintha r-rikorrenti fejn setgħet tisma' ħafna għajjat, tisbit u storbju. Darb'oħra ċemplet lil bintha biex titlobha tixtrilha kartuna ħalib u kien weġibha l-intimat fejn qalilha biex ma ċċempilx iktar id-dar u qatagħlha l-linja.

[2] Seduta tal-20 ta' Jannar 2014 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia
[3] Seduta tal-20 ta' Jannar 2014 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia
[4] Affidavit maħluf fil-11 ta' Jannar 2014 fol. 333

Rat illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mogħtija fit-23 ta' Jannar 2012[5], l-intimat instab ħati li ħebb għal martu u għal bintu, kiser il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied, qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku. L-attrici ippreżentat kopja ta' ordni ta' protezzjoni maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal sentejn mit-23 ta' Jannar 2012 kontra l-intimat għall-protezzjoni tagħħa u ta' uliedha.[6]

Rat illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mogħtija fit-8 t'April 2013[7], l-intimat instab ħati li kkaġuna lil martu u uliedu biża li ser tintuża vjolenza u wkoll talli hedded lil martu bi kliem ġesti jew affarijiet oħra, hedded u inġurja l-marixxalli tal-Qorti, kiser il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied, qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku, m'obdiex l-ordni leġittimi tal-Pulizija, kiser il-kondizzjonijiet tal-obbligazzjoni imposti fuqu mill-Qorti u kkaġuna ħsara fuq ħwejjeġ mobbli; Huwa ingħata ordni ta' probation għal sena u wkoll obbligazzjoni ta' €1,500.

Rat il-kontenut tal-messaġġi[8] mibgħuta mill-intimat lir-rikorrenti konsistenti f'theddid u kliem faħxi. Rat il-kummenti tiegħu fuq facebook[9]. Rat ir-ritratti esebiti[10] li juru t-tkissir li l-intimat ikkawża fid-dar matrimonjali kif ukoll id-diżordni li kien jikkawża.

L-attriċi ppreżentat ukoll *recordings* tal-argumenti li kienu jinqalgħu bejn il-partijiet, kif ukoll traskrizzjonijiet tagħhom;

L-**intimat** jopponi t-talba għas-separazzjoni għaliex jemmen li kien għad hemm lok ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, anke bl-għajnuna ta' *family therapy* u *counselling*. Minkejja dan, tosserva li l-intimat naqas li jattendi għas-seduti tal-medjazzjoni sabiex jgħinhom jirrikonċiljaw jew tal-inqas jevitaw proċeduri kontenzjużi bejniethom. Rat illi mill-perjodu li beda f'Jannar 2009, kien għaddej minn perjodu ta' dipressjoni moderata u kien qed jieħu trattament minnha u dan kif ċertifikat mill-Psikjatra Dr. Anthony Dimech.[11]

Permezz tal-affidavit tiegħu[12], l-intimat jispjega li l-argumenti bejnu u bejn martu kien fuq it-trobbija ta' uliedhom għaliex hu kien irid ftit tad-dixxiplina mentri r-rikorrenti martu kienet laxka ħafna. Jekk kien jagħti xi kastig lit-

[5] Kopja legali tagħha tinsab esebita fol. 328
[6] Fol. 10
[7] Kopja legali tagħha tinsab esebita fol. 325
[8] Fol. 337 sa 339
[9] Fol. 342 et seq. u fol. 449 et seq.
[10] Fol. 352 et seq. u fol. 374 et seq.
[11] Fol. 39, 497 et seq.
[12] Fol. 468

tfal, hija kienet twaqqagħlu l-kelma tiegħu. Jammetti li darba kien sawwat lit-tifla li kienet ġiet tard u ta' dan għadu dispjaċut.

Jgħid illi kien hemm problemi wkoll għaliex A dejjem kellha mibegħda lejn il-ġenituri tiegħu speċjalment għal ommu. Isostni li kien keċċa lil oħtha mid-dar wara li r-rikorrenti kienet keċċiet lil ommu mid-dar matrimonjali.

Isostni li martu kellha kilba għall-flus u meta wiret somma mingħand iz-zija, kienet sikwit tgħidlu sabiex jagħtiha somma flus ħalli titlaq 'il barra. Ġieli ssuġġerietlu wkoll li jisseparaw sabiex jieħdu r-relief. Jgħid li minkejja li ma kellhomx ħafna flus, xorta rnexxielhom ifaddlu c-*children's allowance* tat-tfal. Il-mara lit-tfal kienet tgħidilhom li dawn kienu jiġġemmgħu bis-saħħa tagħha, mentri hu kien jgħidilhom li bis-saħħa tat-tnejn, għaliex kienu bil-għaqal. Minkejja li martu tallega li ma kinitx tlaħħaq, fl-2011 għamlet *plastic surgery* fuq sidirha, u l-hairdresser kienet tiġi d-dar kull ġimgħa.

Isostni li l-akkużi tal-mara li hu kien ikisser hija esaġerata għaliex *"ftit hemm okkażjonijiet li waqajt għall-provokazzjonijiet kontinwi li kienet tagħmel il-mara li minn dejjem kellha skop biex teħles minni."*

Isostni wkoll illi kuntrarju ta' dak li tgħid martu, huwa kien jgħin fix-xogħol tad-dar billi jwassal u jiġbor lit-tfal mill-futbol u miż-żfin u li l-manutenzjoni tad-dar dejjem hu għamilha u li ħalla d-dar f'kondizzjoni tajba. Huwa jesebixxi diversi ritratti in sostenn ta' dan[13]. Isostni li huwa dejjem ħadem *part-time* mal-Melita Cable, ristoranti madwar Birżebbugia u jbajjad għand in-nies.

Jiċħad l-allegazzjonijiet li tagħmel martu dwaru u n-nisa u jispjega li l-*makeup* li kellu mal-qmis kien ġie kkawżat meta mar iferraq ġlieda u għaldaqstant ċappsuh. Jgħid li hu kien dixxiplinat u ma kienx imur għax-xogħol ta' *bouncer* minħabba n-nisa. Isostni li hija martu li għandha ħbiberiji speċjali ma' raġel li tidher miegħu f'diversi attivitajiet soċjali. Huwa jesebixxi diversi ritratti in sostenn ta' dan[14].

Iċ-ċertifikati mediċi esebiti relatati mad-dipressjoni u l-ansjeta` tal-intimat jiddiskrevuh bħala *"very much distressed", "unpleasant moods associated with persistent palpitations, dry mouth and tremor", "the separation process and court appearances are very disturbing and affecting his mental state" "mild to moderate depression."*

[13] Fol. 473 et seq.
[14] Fol. 512 et seq.

L-intimat ipproduċa bħala xhud[15] lil **Dr. Anthony Dimech**, psikjatra kuranti tiegħu illi spjega li l-intimat ġie riferut għandu mit-tabib tal-familja għall-kura tal-ansjeta` u d-dipressjoni. Is-sintomi kienu tali li kellhom bżonn kura ta' speċjalista. *"It-trawma psikoloġika għadha hemm u baqgħet taffettwah, speċjalment ir-relazzjoni ma' uliedu." "Hu kien jieħu l-kura li jien nirrakkomandalu u għadu jeħodha sal-lum."*

Xehdet ukoll **Charlotte Fabri**, probation officer[16] fejn stqarret illi segwiet lill-intimat wara ordni ta' probation u ma għandha xejn x'tgħid fih. Problemi ma kien hemm xejn. Kien jgħidilha u jiddiskuti magħha l-problemi matrimonjali li kien għaddej minnhon. *"It-tfal kien isemmihom ħafna miegħi...Kien qalli li hu mhux qed igawdi t-tfal kemm jixtieq."*

Iben il-partijiet **K B**, xehed[17] illi missierhom kien jeħodhom il-bandli, l-football, il-baħar. Ikkonferma li l-intimat kien ħadha bi kbira l-mewt taz-zija Lucrezia. Jgħid illi *"Id-dar kien hemm tkissir. Lil missieri qatt ma rajtu jsawwat l-ommi. ...L-ambjent fid-dar, qabel telaq missieri kien ħażin, bejn ommi u missieri, l-aktar għax kien jorqod għand in-nanna. Kien għamel ħames xhur sitta ma jorqodx id-dar. Jispiċċaw bl-għajjat. Tkissir fid-dar kien hemm u minn missieri"*

Bint il-partijiet **H B**, xehdet[18] illi l-ġenituri tagħha ma ħallewhomx neqsin u ma caħħduhiex mil-lezzjonijiet taż-żfin u mill-privat. *"Kienu jargumentaw l-aktar fuq ix-xogħol tad-daddy li kien bouncer. Argumenti fuq punishments lilna ma kienx hemm...Meta jiġġieldu kien ikun hemm ħafna għajjat. Swat ma kienx hemm. Id-daddy kien jitfa' affarijiet mhux lejn ommi imma fl-arja."* Kien hemm tkissir ta' mera, siġġu u ħsara fil-kamra tal-banju.

### 1.1 Dwar l-Adulterju

Mir-rikors promotur jirriżulta illi l-attriċi tiffonda l-azzjoni tagħha għas-separazzjoni minn ma' żewġha, *inter alia* fuq l-adulterju. L-adulterju huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: "***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".[19] Di piu, l-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*"[20]

---

[15] Sedutat tat-3 ta' Diċembru 2014, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 530

[16] Seduta tas-17 ta' Frar 2015 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 537

[17] Seduta tat-22 ta' Mejju 2015 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 551

[18] Seduta tad-9 ta' Lulju 2015 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 554

[19] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[20] Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP)

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jagħti prova. F'dan l-istadju, l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[21] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*".

Minkejja li indizji huma biżżejjed sabiex jiġi ppruvat l-adulterju, tali ndizji jridu jkunu gravi biżżejjed sabiex ma jħallu ebda dubju f'moħħ il-ġudikant. Fil-każ odjern, minkejja li fil-fehma tal-Qorti il-konvenut kellu kunfidenzi żejda ma' nisa oħra, ma ġiex ippruvat sodisfaċentement b'mod li l-Qorti tista' tkun moralment konvinta, illi l-istess aġir huwa tali li jissarraf f'adulterju.

### 1.2 Dwar l- Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offiżi Gravi

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula: "***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs. Benedict Agius[22] ġie enunċjat illi l-Liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[23] imbagħad ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni

---

[21] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP)

[22] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 1967 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[23] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi[24] bħala bażi għas-separazzjoni personali.

Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[25], deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".*

Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

L-attrici taddebita wkoll lil żewġha t-theddid u l-vjolenza. Dwar dawn *"Il-ligi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mgieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima."*[26]

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Hija tal-fehma, illi f'dan l-istadju m'hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. L-intimat innifsu jidher li aċċetta dan l-istat ta' fatt u qiegħed igawdi stil ta' ħajja ġdida, li jirriżulta ferm kuntent bih.

Rigward il-ħtijiet għat-tkissir taż-żwieġ, m'hemm l-ebda dubju li l-aġir tal-konvenut, kif irrakkontat mill-attriċi u ġja rrappurtat f'din is-sentenza, irrenda l-ħajja komuni insapportabbli.

Minkejja li l-Qorti temmen li l-intimat kien għaddej minn żmien ta' dipressjoni u li kien iħossu waħdu, dana ma jiġġustifikax il-komportament tiegħu ta' rabja u tkissir. Inoltre, anke fiż-żmien li kien qiegħed jieħu l-kura

---

[24] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[25] Vol. XLV C.ii.708

[26] Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud, Appell Ċivili, 21 ta' Frar 1969

għad-dipressjoni, xorta waħda baqa' għaddej bi kliem ta' theddid u mibegħda fil-konfront ta' martu anke permezz tal-messaġġi (SMSs) u fuq is-sit soċjali facebook. It-temperament aggressiv tiegħu u l-attitudni li jitkellem b'theddid u bi kliem dispreġġattiv, jidher li huma magħġuna sew fil-karattru tal-intimat u ma jistax jattribwihom biss għall-fatt li jbati mid-dipressjoni.

Inoltre, l-kunfidenzi żejda ma' nisa oħra, għalkemm m'humiex fil-grad ta' adulterju, xorta waħda huma ta' moħqrija fuq martu, bħalma huwa diskors fis-sens li waqt ir-relazzjonijiet intimi tagħhom, kien jimmaġinaha ħaddieħor.

Minkejja li l-intimat isostni li l-affarijiet ma kienux ħżiena daqs kemm issostni l-mara, il-Qorti ssib diversi inkonsistenzi fix-xiehda tiegħu. Jgħid li hu qatt ma kien vjolenti, iżda mbagħad jgħid li darba sawwat lit-tifla u li kien hemm ftit okkażjonijiet fejn kien ikisser fid-dar. Inoltre l-Qorti tal-Maġistrati darbtejn sabitu ħati ta' akkużi relatati ma' vjolenza. Jgħid li hu kien jinsisti ma' uliedu biex jistudjaw iżda l-mara kienet tħalli kollox għaddej, meta ġie ippruvat li l-mara kienet tassisti lit-tifel M biex jasal għall-O levels u wkoll biex jieħu kors l-MCast. Jgħid li huwa kien kontra li uliedu jkollhom *tattoo* qabel ma' jagħlqu t-18-il sena, meta hu stess għandu t-*tattoos* kbar.

Il-Qorti tirrileva li min-naħa tagħha, l-attriċi m'hijiex mingħajr ħtija. Jekk l-intimat kien jargumenta, dana ma kienx jargumenta waħdu. Biex argument iseħħ dejjem hemm il-ħtieġa ta' żewġ parteċipanti u għalhekk il-Qorti temmen li l-attriċi kienet tipprovokah biex jaqbdu argument, jew jekk jaqbad hu l-argument, hi ma kinitx tirtira biex ma jkomplix jittawwal.

Issib ukoll diskrepanzi fix-xiehda tal-attriċi fis-sens li hi tpinġi s-sitwazzjoni ta' kif ilaħħqu mal-ħajja bħala waħda mwiegħra, meta jirriżulta li ma kienux daqstant fil-bżonn tant li ċ-*children's allowance* tat-tfal ġew imfaddla[27] u ma kellhomx bżonn jirrikorru għalihom, id-dar matrimonjali kienet attrezzata sewwa b'għamara, *appliances* u dekorazzjonijiet, u li l-attriċi kellha flus biżżejjed f'idejha biex iżżomm id-dehra tagħha. Inoltre, l-allegazzjoni li l-intimat ma ħax ħsieb il-manutenzjoni tad-dar tirriżulta wkoll fierħa għaliex ir-ritratti esebiti mill-intimat juru stat ta' żamma ta' manutenzjoni tajba ħafna. Mir-ritratti stess jirriżulta li dawna ttieħdu lejn l-aħħar tal-koabitazzjoni tal-partijiet, stante li fihom jidhru diversi oġġetti relatati mat-trobbija tan-neputi ċkejken tagħhom.

[27] Ic-children's allowance dejjem ġie perċepit mir-rikorrenti kif jirriżulta mix-xiehda ta' Joe Chircop mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali, Seduta tat-22 t'Ottubru 2014 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 517

Għalhekk, fid-dawl ta' dan il-Qorti tirrileva li m'hemm ebda raġuni għala m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija tal- intimat li rrenda ruħu ħati ta' inġurji gravi, moħqrija (sevizzi), u theddid fil-konfront tal-attriċi. Ir-rikorrenti nnifisha m'hijiex eżonerata minn kull ħtija, iżda hija wkoll ħatja għat-tkissir taż-żwieġ għalkemm mhux fi grad għoli daqs l-intimat.

## 2. Dwar il-Kura u Kustodja u Aċċess tal-minuri M

Il-partijiet għandhom tliet ulied: K[28] u H[29] li kienu ġja maġġorenni meta ġiet intavolata l-kawża, u M[30] li fil-mori tal-kawża wkoll laħaq l-eta` tieghu.

Dawna it-tlieta jirrisjedu fid-dar matrimonjali flimkien mar-rikorrenti li jidher, mill-assjem tal-provi, li tikkurahom mill-aħjar skont il-mezzi tagħha.

Illi in vista li l-ulied huma lkoll maġġorenni, m'għadx hemm lok li l-Qorti tippronunċja ruħha dwar il-kura, l-kustodja u l-aċċess tal-ulied u għalhekk qed tastjeni minn deċiżjoni dwar din it-talba.

## 3. Dwar il-Manteniment

L-attriċi qiegħda titlob manteniment għaliha personalment kif ukoll għal binha minuri M.

Il-Qorti rat illi *pendente lite*, permezz ta' digriet iddatat 31 ta' Jannar 2013[31], laqgħet it-talba tal-attriċi sabiex tingħata manteniment għal binha mingħand l-intimat fis-somma ta' mitejn Ewro fix-xahar, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u għall-edukazzjoni, filwaqt illi ċaħdet it-talba tagħha għal manteniment għaliha.

### 3.1 D war il-Manteniment għal iben il-partijiet M B

Rigward il-manteniment ta' M, dana llum huwa maġġorenni u m'għadux jistudja. Tenut kont ta' dan, il-Qorti diġa waqqfet l-obbligu tal-intimat li jivversa manteniment għal ibnu, li qiegħed jaħdem *full-time*, u dana permezz ta' digriet ta' din il-Qorti ddatat it-8 t'April 2015[32]. Minkejja dan

---

[28] Imwieled 16 ta' Marzu 1993, ara ċ-ċertifikat tat-twelid fol. 7

[29] Imwielda 10 t'April 1994, ara ċ-ċertifikat tat-twelid fol. 8

[30] Imwieled 5 ta' Lulju 1997, ara ċ-ċertifikat tat-twelid fol. 9

[31] Fol. 63

[32] Fol. 545

jirriżulta li hemm diversi pagamenti relattivi mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-iben, li sal-lum għadhom ma ġewx saldati. Il-Qorti terġa' tordna lill-intimat biex iħallas lir-rikorrenti dawn l-ispejjeż li jlaħħqu qrib elf Ewro.

Inoltre, l-intimat għandu jivversa manteniment direttament lil M, fl-ammont ta' mitejn Ewro fix-xahar (€200) jekk dan juri x-xewqa li jkompli l-istudji tiegħu. Il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm jibqa' hekk jistudja *full-time* jew sakemm jagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena, liema waħda tavvera ruħha l-ewwel.

### 3.2 Dwar il-Manteniment għall-attriċi

Illi fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013[33], l-attriċi xehdet illi hija taħdem *part-time* bħala cleaner mal-kumpanija Oil Tanking. Ilha għaxar snin taħdem hemmhekk, imma tmien snin minnhom kienet taħdem tmien (8) sigħat fil-ġimgħa biss, għax l-intimat ma xtaqhiex taħdem, speċjalment bil-ktieb. Hija tixtieq tidħol *full-time*.

**Antoine Debono**, minn Oil Tanking Malta Limited xehed[34] illi A B m'hix impjegata tagħhom imma *self-employed* tagħmel *cleaning services*. Ilha magħhom xi ħames jew sitt snin. Hi kienet qabel titħallas bil-€5 fis-siegħa u issa bis-€7.50 fis-siegħa. Fil-bidu kienet tmur darba jew darbtejn fil-ġimgħa u llum tmur regolari, kważi kuljum u kull darba tagħmel sitta jew seba' siegħat. Regolari ilha tmur sentejn.

L-intimat isostni li meta t-tifel iż-żgħir mar l-iskola martu kienet taħdem fi growser qrib id-dar tagħhom.

Min-naħa tiegħu l-intimat qed jgħix ħajja ta' sinjur għaliex qed isiefer regolarment. Mar tliet xhur it-Tajlandja, il-Vjetnam u l-Kambodja, ħamest'ijiem ir-Repubblika Ċeka, darb'oħra t-Tajlandja. Għamel ukoll diversi *tattoos*.

Dwar it-talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tiffissa retta alimentarja għaliha, kif ntqal, l-attriċi taħdem bħala fattiga u tipperċepixxi wkoll l-assistenza soċjali[35]. F'dan l-istadju, hija għandha l-potenzjal li żżomm lilha nnifisha materjalment, mingħajr il-ħtieġa ta' manteniment mingħand żewġha. Hija mara bieżla u m'għandha ebda diffikulta` jew impediment sabiex tkompli taħdem u taqla' l-għixien tagħha bħal ħaddieħor.

---

[33] Fol. 22 et seq. fl-atti tar-rikors tal-attriċi iddatat 31 ta' Lulju 2012 għall-iżgombrament tal-intimat mid-dar matrimonjali.

[34] Seduta tas-17 ta' Frar 2015 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 537

[35] Ara d-dokumenti esebiti mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali fol. 520 et seq.

Il-Qorti pero` żżid illi l-attriċi bl-ebda mod ma tilfet il-jedd tagħha ta' manteniment mingħand żewġha u dan peress li, minkejja li hija wkoll kellha ħtija fit-tkissir taż-żwieġ, l-istess ħtija m'hijiex tali li bħala konsegwenza tagħha, hija ddekadiet mid-dritt ta' manteniment mingħand żewġha.

## 4. Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Il-Qorti tirreferi għas-sentenza tagħha tas-16 ta' Ġunju 2016, fejn hija laqgħet it-talba tal-attur għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet, b'effett mid-data tal-istess sentenza.

Permezz tal-preżenti, l-Qorti ser tgħaddi għal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet eżistenti bejn il-partijiet, illum xolta.

Mir-riċerka illi saret ma' APS Bank Limited, Lombard Bank (Malta) p.l.c. u Banif Bank (Malta) p.l.c jirriżulta li l-partijiet m'għandhomx kontijiet bankarji ma' dawn l-entitajiet.[36] Il-partijiet għandhom kont konġunt ma' Bank of Valletta p.l.c.[37]

Ir-rikorrenti m'għandha l-ebda kont bankarju ma' HSBC Bank Malta p.l.c.[38] iżda għandha disgħa kontijiet bankarji ma' Bank of Valletta p.l.c.[39] (sebgħa minnhom huma intestati wkoll fuq uliedha.) Jirriżulta mix-xiehda t'ulied il-partijiet li huma ngħataw il-flus li kienu qegħdin jiġu mġemmgħin għalihom.

L-intimat C B, għandu ħames kontijiet ma' Bank of Valletta p.l.c.[40] Għandu wkoll żewġ kontijiet ma' HSBC Bank Malta p.l.c.[41] L-attriċi xehdet[42] illi hija ma kinitx konsapevoli mill-kontijiet bankarji li kellu żewġha u li hi qatt ma żbankat xejn minnhom.

[36] Ara x-xiehda ta' David Galea, Jeanette Lepre u Kristine Farrugia fis-seduta tat-22 t'April 2013 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia

[37] L-istatement tiegħu jinsab immarkat Dok. BOV 6 u esebiti fol. 144 sa fol. 191 tal-proċess

[38] Ara x-xiehda ta' Audrey Ghigo fis-seduta tat-22 t'April 2013 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia

[39] L-istatements tagħhom huma immarkati Dok. BOVi sa BOVix, u esebiti fol. 195 sa fol. 295

[40] L-istatements tagħhom jinsabu mmarkati Dok. BOV 1 sa BOV 5 u esebiti fol. 95 sa fol. 143 tal-proċess

[41] L-istatements tagħhom jinsabu mmarkati Dok. HSBC 1 u HSBC 2 u esebiti fol. 87 sa fol. 94 tal-proċess

[42] Seduta tal-4 ta' Marzu 2014 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia

Il-Qorti tinnota li z-zija tal-intimat, Lucrezia B, mietet fid-19 ta' Jannar 2011[43]. Tosserva li l-intimat kien qed jagħmel depożiti sostanzjali ferm qabel[44] il-mewt tagħha u dan kif jirriżulta mid-Dokument BOV2. Għalhekk l-istess depożiti, li jlaħħqu mal-erbatax-il elf Ewro (€14,000) ma setgħux kienu derivanti mill-wirt taz-zija iżda jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Fil-fatt, iż-żmien meta sar id-depożiti, jikkombaċa maż-żmien li l-intimat kien jaħdem *part-time* bħala *bouncer*. Illi huwa ben risaput li l-introjtu mix-xogħol tal-konjuġi jidħol fil-komunjoni. L-intimat stess isostni li hu kien jagħmel *part-time* bl-iskop li jaqla' l-flus għall-familja.

Inoltre, iż-żewġ partijiet kienu qed jagħmlu depożiti (u żbanki) oħra fil-kontijiet rispettivi tagħhom, oltre dawk li jirriżultaw fil-kont immarkat BOV2. L-intimat regolarment kien jirċievi somma fl-inċirka ta' tmien jew disa mitt Ewro, li tirrappreżenta l-paga mill-impjieg tiegħu *full-time*. Ġie ppruvat li dawn il-flus intefqu għall-ħajja tal-familja B. Id-depożiti l-oħra li għamel l-intimat kienu, bejn wieħed u ieħor tal-istess valur tad-depożiti li għamlet ir-rikorrenti, b'dana illi l-Qorti hija tal-fehma li kull parti għandha żżomm b'mod esklussiv dawn id-depożiti fil-pussess tagħha.

Min-naħa l-oħra, dwar is-somma fl-inċirka ta' erbgħin elf Ewro, fil-pussess tal-intimat, il-Qorti hija sodisfatta illi l-imsemmija somma hija wirt tal-intimat mingħand iz-zija Lucrezia B, u għalhekk ma tagħmilx parti mill-komunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejn il-partijiet.

L-intimat C B għandu tliet vetturi reġistrati f'ismu: [45]

- Van Toyota HiAce bin-numru tar-reġistrazzjoni EAM434 data tal-manifattura 1981 – possibilment ġie skrappjat, iżda m'hemmx prova dwar dan
- Toyota Corsa bin-numru tar-reġistrazzjoni LCG683 data tal-manifattura 1997
- Volkwagen Golf bin-numru tar-reġistrazzjoni KRT393 data tal-manifattura 2002

Dwar il-vettura Golf, iben il-partijiet K B xehed[46] illi din il-vettura minkejja li hija reġistrata fuq missieru, hija propjeta` tiegħu. Il-partijiet it-tnejn qablu li din il-vettura m'għandhiex titqies li tagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

---

[43] Ċertifikat tal-mewt esebit fol. 511

[44] Fit-28 ta' Marzu 2008 depożitu ta' €4000 segwit minn tliet depożiti ta' €500 kull wieħed; fit-13 t'April 2010 sar depozitu ta' €5,000 segwit minn depożiti ta' €800, €1200, €600 u €650

[45] Ara x-xiehda ta' Stephen Cachia fis-seduta tat-22 t'April 2013 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia

[46] Seduta tat-22 ta' Mejju 2015 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 551

Irriżulta wkoll[47] illi l-intimat fis-27 ta' Mejju 2011 kien akkwista mingħand Brian Pace dgħajsa bin-numru ta' reġistrazzjoni S-12391, liema dgħajsa fit-3 t'April 2013 l-intimat trasferiha lil missieru. Il-Qorti m'għandha l-ebda informazzjoni minn fejn ġew il-flus għall-akkwist tal-istess dgħajsa, iżda fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, il-preżunzjoni legali hija li l-istess dgħajsa tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Tirrileva illi t-trasferiment tal-bastiment żgħir mill-intimat għal fuq missieru, m'hijiex għajr tentattiv fjakk biex l-intimat jipprova jnaqqas il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, liema tentattiv m'huwiex ser jirnexxi għaliex il-Qorti qiegħda tgħodd l-istess dgħajsa, jew il-valur tagħha, bħala formanti parti mill-komunjoni.

Dwar il-mobbli li l-partijiet għandhom fid-dar matrimonjali, ma nġiebet ebda prova dwar il-konsistenza u l-valur tagħhom. Pero' fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet hemm qbil illi l-kamra tas-sodda matrimonjali hija parafernali tal-attriċi.

Illi għaldaqstant il-Qorti qiegħda tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet, sas-16 ta' Ġunju 2016, kif ġej:

- Tiddikjara illi is-somma fl-inċirka ta' erbgħin elf Ewro, fil-pussess tal-intimat, hija parafernali tal-intimat;
- Tiddikjara illi l-kamra tas-sodda matrimonjali hija parafernali tal-attriċi;
- Tassenja lir-rikorrenti l-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali;
- Tassenja lill-intimat il-vettura Toyota Corsa bin-numru tar-reġistrazzjoni LCG683, il-vann Toyota HiAce bin-numru tar-reġistrazzjoni EAM434 (jekk m'huwiex ġja skrappjat) u d-dgħajsa bin-numru ta' reġistrazzjoni S-12391;
- Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta' sebat'elef ewro (€7000) rappreżentanti sehem ir-rikorrenti mill-flus iddepożitati u żbankati mill-kont bankarju immarkat bħala Dokument BOV2.
- Tordna illi kull parti żżomm il-kontijiet bankarji intestati f'isimha, b'dana illi l-kont konġunt jiġi magħluq u l-bilanċ jiġi assenjat ugwalment liż-żewġ partijiet;

## 5. <u>Dwar id-Dar Matrimonjali</u>

[47] Xiehda ta' Dr. Robert Vassallo rappreżentant ta' Transport Malta fuq bastimenti żgħar, seduta tal-25 t'April 2014, quddiem L-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol.393

L-intimat jikkontendi illi d-dar matrimonjali hija propjeta` parafernali tiegħu stante li din iddevolviet fuqu mill-wirt taz-zija Lucrezia B. Dan huwa korraborat ukoll mix-xiehda tal-istess rikorrenti li tikkonferma li d-dar fejn tgħix hi u t-tfal, wiritha żewġha mingħand iz-zija Lucrezia. Inoltre dan huwa wkoll ikkonfermat min-nota ta' insinwa nnumerata 6735/2011[48] li hija r-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni kawża mortis magħmula mill-intimat, fejn id-dar matrimonjali ġiet debitament iddikjarata, kif ukoll l-immissjoni fil-pussess tal-istess propjeta` favur l-intimat.

Din id-dar il-partijiet oriġinarjament kienu jokkupaha b'titolu ta' kera[49], iżda wara l-31 ta' Diċembru 1998, iz-zija ma baqgħetx toħdilhom kera, minħabba l-ispejjeż li għamlu fiha.

Il-Qorti tirreferi għad-digriet tagħha tal-20 ta' Frar 2013[50], fejn fuq talba tal-attriċi, il-Qorti ordnat lill-intimat sabiex jallontana ruħu mid-dar matrimonjali fi żmien sebat'ijiem u konsegwentement awtorizzat lir-rikorrenti sabiex tgħix fl-imsemmija dar flimkien ma' uliedha, ad esklużjoni tal-intimat.

Jirriżulta illi din id-dar hija l-pern tal-kwistjonijiet bejn il-partijiet stante illi l-attriċi tippretendi li għandha tibqa' tgħix fiha flimkien ma' uliedha, mentri l-intimat jippretendi li jidħol fiha hu, stante li hija parafernali tiegħu.

Jiġi mill-ewwel stipulat illi l-Qorti m'hijiex affetwata mit-titolu li l-partijiet kienu jew għadhom jokkupaw il-fond, iżda tqis biss li l-istess fond il-partijiet għażluh bħala d-dar matrimonjali tagħhom, u bħala tali iż-żewġ partijiet għandhom drittijiet fuqu irrispettivament mill-oriġini u/jew mit-titolu tal-fond. Dan m'huwiex fond bħal kull fond ieħor iżda huwa d-dar taż-żwieġ. It-tgawdija tal-fond tiddepeni fuq it-tortijiet rispettivi tal-partijiet fit-tkissir taż-żwieġ, u mhux fuq it-titolu.

Fil-ġurisprudenza tagħna ġie ritenut[51] *"F'talbiet simili f'kawżi oħra, kif irriteniet din il-Qorti, l-interess li jrid jiġi salvagwardjat huwa mhux biss dak tal-minuri, minkejja illi l-interess tat-tali jibqa' dejjem suprem, iżda wkoll tal-partijiet kollha nvoluti, partikolarment ta' dik il-parti illi tkun sejra tkun tigi żgumbrata mid-dar konjugali u b'daqstant tkun sejra ssib ruħha minghajr saqaf fuq rasha."*

Fil-każ odjern, m'hemmx dubju li l-intimat huwa s-sid u l-propjetarju assolut tal-imsemmi fond. Dan huwa stat ta' fatt li ma jinbidilx minn din il-Qorti. Il-Qorti, iżda, minkejja dan, għandha tiddeċiedi min mill-partijiet

[48] Fol. 417

[49] Riċevuti tal-kera esebiti fol. 387 et seq.

[50] Ikkonfermat fit-12 ta' Marzu 2013

[51] Mary Grace Borg pro. et noe. vs. George Borg, 23 ta' April, 2001, (Citaz. numru: 548/00 M2 NA)

igawdi l-fond. Ma tistax tippermetti li l-attriċi tiġi żgumbrata mid-dar tagħha meta hija mhijiex ħatja daqs l-intimat għat-tkissir taż-żwieġ. Inoltre hi m'għandhiex saqaf alternattiv fuq rasha. Illi tenut kont illi l-intimat irrenda ruħu ħati ta' minaċċji u inġurji gravi fil-konfront ta' martu u wkoll ta' moħqrija u vjolenza anke verbali, tenut kont ukoll li huwa għandu post ieħor fejn jista' jgħix, sija għand ommu li dejjem laqgħetu u wkoll fil-fond l-iehor li tħalla lilu b'legat flimkien ma' ħuh, liema fond huwa battal, il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti għandha tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali ad esklużjoni ta' żewġha.

In vista ta' dan, il-Qorti fil-waqt illi tikkonferma illi l-fond 52, Triq San Filippu Birżebbuġa, huwa parafernali tal-intimat C B, qed takkorda dritt t'abitazzjoni *vita durante* lir-rikorrenti A B, bil-kondizzjoni li fl-istess fond hija awtorizzata tirrisjedi biss hi u d-dixxendenti tagħha u ebda terz ieħor. Ir-rikorrenti ma tistax tuża l-post biex tipperċepixxi dħul, iżda biss bħala residenza għaliha. Id-dritt t'abitazzjoni jiġi terminat f'każ illi xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet tiġi miksura jew jekk ir-rikorrenti tiddeċiedi li tirrinunzja għall-istess dritt, anke b'mod taċitu billi tmur tirrisjedi f'post ieħor, eskluż sptar, iżda inkluż dar tal-anzjani, b'dan illi ladarba hija hekk tirrinunzja, tali rinunzja tkun irrevokabbli u r-rikorrenti ma jkollhiex dritt li terġa' tidħol tirrisjedi fl-imsemmi fond mill-ġdid.

Ir-rikorrenti qed tiġi ordnata tikkumpensa lill-intimat tal-imsemmi dritt t'abitazzjoni bis-somma mhux awmentabbli ta' tlett'elef ewro (€3,000) fis-sena, pagabbli kull sitt xhur, liema somma tkun ridotta bin-nofs meta r-rikorrenti tibda tgħix biss bil-pensjoni.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, bi ħtijiet imputabbli, iżda mhux unikament, lill-intimat;

[2] Tastjeni milli tagħti deċiżjoni dwar it-tieni talba tal-attriċi;

[3] Dwar it-tielet talba tar-rikorrenti

a. Tordna lill-intimat biex iħallas lir-rikorrenti il-pagamenti relatati mas-saħħa u l-edukazjoni tal-iben M, li sal-lum għadhom ma ġewx saldati. Inoltre, l-intimat għandu jivversa manteniment direttament lil M, fl-ammont ta' mitejn Ewro fix-xahar (€200) jekk dan juri x-xewqa li jkompli l-istudji tiegħu. Il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm jibqa'

hekk jistudja *full-time* jew sakemm jagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena, liema waħda tavvera ruħha l-ewwel;
b. tiċħad f'dan l-istadju it-talba tal-attriċi għal manteniment għaliha, iżda tiddikjara illi l-attriċi ma ddekadietx mid-dritt tagħha li titlob u/jew tipperċepixxi manteniment mingħand l-intimat;

[4] Tilqa' l-ħames tar-rikorrenti billi tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li ġiet xolta b'effett tas-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2016, kif ġej:

- Tiddikjara illi is-somma fl-inċirka ta' erbgħin elf Ewro, fil-pussess tal-intimat, hija parafernali tal-intimat;
- Tiddikjara illi l-kamra tas-sodda matrimonjali hija parafernali tal-attriċi;
- Tassenja lir-rikorrenti l-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali;
- Tassenja lill-intimat il-vettura Toyota Corsa bin-numru tar-reġistrazzjoni LCG683, il-vann Toyota HiAce bin-numru tar-reġistrazzjoni EAM434 (jekk m'huwiex ġja skrappjat) u d-dgħajsa bin-numru ta' reġistrazzjoni S-12391;
- Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta' sebat'elef ewro (€7000) rappreżentanti sehem ir-rikorrenti mill-flus iddepożitati u żbankati mill-kont bankarju immarkat bħala Dokument BOV2.
- Tordna illi kull parti żżomm il-kontijiet bankarji intestati f'isimha, b'dana illi l-kont konġunt jiġi magħluq u l-bilanċ jiġi assenjat ugwalment liż-żewġ partijiet;

[5] Dwar il-ħames talba attriċi fil-waqt illi tikkonferma illi l-fond 52, Triq San Filippu Birżebbuġa, huwa parafernali tal-intimat C B, qed takkorda dritt t'abitazzjoni *vita durante* lir-rikorrenti A B, bil-kondizzjonijiet kif stipulati iktar 'il fuq f'din is-sentenza. Tordna lir-rikorrenti tikkumpensa lill-intimat tal-imsemmi dritt t'abitazzjoni bis-somma mhux awmentabbli ta' tlett'elef (€3,000) fis-sena, pagabbli kull sitt xhur, liema somma tkun ridotta bin-nofs meta r-rikorrenti tibda tgħix biss bil-pensjoni.

Bl-ispejjeż jiġu sapporti terz mill-attriċi u żewġ terzi mill-konvenut.